

31979R0234

L 34/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.2.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 234/79

tal-5 ta' Frar 1979

fuq il-proċedura għall-aġġustament tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni użata għall-prodotti ta' l-agrikoltura

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 ta' dan,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 827/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' ċerti prodotti mniżżlin fl-Anness II tat-Trattat (¹), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1117/78 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 ta' dan,

Wara li kkunsidrat l-proposta tal-Kummissjoni (³),

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (⁴),

Peress illi l-prodotti li huma soġġetti għall-prezzijiet ta' importazzjoni differenti għandu jkollhom deskrizzjoni separata fin-nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni korretta tal-prezzijiet ta' importazzjoni; peress illi għal dan l-ghaqqa ħafna mir-Regolamenti bażiċi ta' l-agrikoltura jipprovu regoli speċifiċi għall-prezzijiet ta' l-importazzjoni barra mid-dazji doganali;

Peress illi, fin-nuqqas ta' tali disposizzjonijiet, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 tas-26 ta' Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żerriegħa (⁵), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1346/78 (⁶) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-hnejxex (⁷), kif emendati l-aħħar br-Regolament (KEE) Nru 1766/78 (⁸), għandu jiġi għalhekk ikkumplimentat;

Peress illi n-nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni hija bbażata fuq in-nomenklatura tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali; peress illi n-nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni għandha tkun aġġustata mhux biss fkonformità ma' emendi tan-nomenklatura tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali, iżda wkoll sabiex ikun assigurat li t-test tal-lingwi varji jun jaqbek; peress illi, anke jekk tali aġġustamenti huma ta' natura teknika u ma jaffetwawx id-dazji doganali, fċerti każiġiet għandhom ikunu introdotti bir-Regolamenti bbażati fuq l-Artikolu 43 tat-Trattat;

(¹) ĠU L 151, tat-30.6.1968, p. 16.

(²) ĠU L 142, tat-30.5.1978, p. 1.

(³) ĠU C 160, tas-6.7.1978, p. 10.

(⁴) ĠU C 239, tad-9.10.1978, p. 50.

(⁵) ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.

(⁶) ĠU L 165, tat-22.6.1978, p. 1.

(⁷) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.

(⁸) ĠU L 204, tat-28.7.1978, p. 12.

Peress illi f'ħafna Regolamenti tal-Kunsill in-nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni hija użata bħala mezz biex ikun hemm distinzjoni bejn il-kategoriji differenti ta' l-oġġetti u biex ikunu deskritti l-prodotti;

Peress illi l-emendi fin-nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni jistgħu jeħtieġ xi aġġustamenti lil dawn ir-Regolamenti;

Peress illi l-proċeduri eżistenti mhux dejjem jippermettu li r-Regolamenti involuti jkunu aġġustati malajr biżżejjed; peress illi, minħabba n-natura teknika ta' dawn l-aġġustamenti, huwa mixtieq li jkun ippordut illi l-aġġustamenti jkunu jistgħu jsiru, wara konsultazzjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet (⁹), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1562/78 (¹⁰), jew id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu mar-Regolamenti l-oħrajn fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti ta' l-agrikoltura,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-disposizzjoni li ġejja se tkun miżjudha bħala l-Artikolu 8a tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 u bħala l-Artikolu 22a tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72:

"Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandhom japplikaw lill-klassifikazzjoni tat-tariffa tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffi li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tkun inkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni."

(⁹) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.

(¹⁰) ĠU L 185, tas-7.7.1978, p. 1.

Artikolu 2

1. In-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli għall-prodotti koperti minn organizzazzjoni komuni tas-suq jistgħu jkunu mibdula, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tan-Nomenklatura tat-Tariffi Doganali Komuni, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE u fl-Artikolu li jikkorrispondi f'Regolamenti oħrajin dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq jekk tali aġġustamenti
- jsiru minħabba xi emenda fin-nomenklatura tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali, jew
 - huma bżonnjużi biex jassiguraw il-konformità tat-test fil-lingwi varji.

Dan ir-Regolament jkun jorbot fl-intier tiegħu u huwa japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Frar 1979.

2. Id-deskrizzjoni tal-prodotti u r-referenzi lill-intestaturi u lis-subintestaturi fir-Regolamenti tal-Kunsill jistgħu jkunu aġġustati skond l-istess proċedura, jekk tali aġġustamenti jsiru minħabba dawk li hemm fin-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni rrifereta fil-paragrafu 1 jew minħabba xi azzjoni legali tal-Kunsill.

3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kumitat mwaqqaf mill-Artikolu 37 tar-Regolament Nru 136/66/KEE huwa hawhekk nominat bħala l-korp kompetenti dwar il-prodotti koperti mir-Regolament (KEE) Nru 827/68.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħi fit-tielet ġurnata wara li jiġi ppublikat fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kunsill

Il-President

P. MEHAIGNERIE